MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 567/2007

**Charles Grech & Co Ltd (C2473)**

**Vs**

**Ramona Bonnici (ID 61978M) f'isimha proprio u bhala direttrici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Meaculpa Limited (C 31303) u Fabian Farrugia (ID 177181M) f'isimu proprio u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Meaculpa Limited (C31303)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Lulju 2007, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf hames mija u tlieta u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1543.72) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenuti pro et noe gew debitament notifikati kif jirrizulta mir-riferti a fol 5 tal-process.

Ra illi permezz ta’ nota tas-27 ta’ Settembru 2007, il-konvenut Fabian Farrugia iddikjara illi huwa ma kienx f’posizzjoni li jintavola risposta peress illi d-dokumenti msemmija fl-Avviz ma kienx notifikati lilu.

Ra illi peremzz ta’ nota tal-11 ta’ Jannar 2008, s-socjeta` attrici esebiet numru ta’ dokumenti li gew debitament notifikati lill-istess konvenut Fabian Farrugia.

Ra illi l-ko-konvenuta Ramona Bonnici pro et noe baqghet kontumaci.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf hames mija u tlieta u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1543.72), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------